*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*
*73, ST. MARY STREET*
*TARXIEN. TXN 1704*
*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email :- tarxien.lc@gov.mt*

Kunsill Lokali – Ħal Tarxien – Local Council

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Tarxien

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 5

It-Tnejn 30 ta' Settembru 2019

Il-Kunsilli Lokali Ħal Tarxien iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 73, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien TXN1704, fis- 7:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Joseph Abela Galea - Sindku
Darlene Vella Zammit – Vici Sindku
Neil Portelli - Kunsillier
Thomas Debattista - Kunsillier
Christian Pace - Kunsillier
Ishmael Dalli - Kunsillier
Anabelle Marmara' - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Emma Vella – Deputat Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **5.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġiji** |
| 5.1.1 | Ma kienx hemm imma l-laqgha bdiet fis-7.30 ghax ma' kienx hemm *quorum*. |
| **5.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti** |
| 5.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-Seduta preċedenti innumerata 4 kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ttieħdu bħala moqrija. |
| 5.2.2 | Is-Sa Darlene Vella Zammit pproponiet u s-Sur Christian Pace ssekonda l-minuti tas-Seduta 4 u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| **5.3** | **Komunikazzjoni mis-Sindku** |
| 5.3.1 | Is-Sindku rringrazzja lir-rezidenti u lill-Kunsilliera li attendew il-laqgha pubblika tal-Pjan ta' Hidma li nzammet nhar id-29 ta' Settembru 2019 u wera l-apprezzament tieghu ta' l-attendenza sabiha. |
| 5.3.2 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li flimkien mad-Depuat Segretarju Ezekuttiv attenda laqgha mal-MEUSAC fejn giet diskussa l-possibilta li l-Kunsill jinaghta fondi mill-*EU Norway Small Grants.* Is-Sindku informa l-Kunsill li wahda mill-inizjattivi vijabbli hija tal-librerija gdida. |
| 5.3.3 | Is-Sindku nforma lil-Kunsill bl-attivitajiet li se jsiru fil-gimghat li gejjijn li jinkludu d-dberik tal-annimali, *Halloween* u harigiet ghall-anzjani. |
| 5.3.4 | Is-Sindku nforma lil-Kunsilliera prezenti li flimkien mad-Deputat Segretarju Ezekuttiv ghaddej b'diskussjonijiet mal-Gvern Centrali sabiex *Joanne Gardens* jitranga minghajr mal-Kunsill johrog il-finanzi. |
| **5.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| 5.4.1 | Is-Sur Christian Pace staqsa " Nixtieq nispjega ghaliex it-Tarxien *Pageant Group* jitolbu ghall-permess biex tinghalaq il-pjazza fi zmien il-Gimgha Mqaddsa u ser nkun qed nitlob biex dan il-permess johrog bhal ma' hareg matul din is-sena u s-sena l-ohra?'' Is-Sindku wiegeb li jaqbel li tinghalaq it-Triq imma trid tohrog karta ufficjali mill-Kunsill Lokali u n-nies affetwati trid tiffirma taqbilx li tinghalaq it-Triq igifieri l-access ta' wara l-Knisja mill-Hamis sa' l-Erbgha ta' wara. Is-Sur Joseph Abela Galea, s-Sur Neil Portelli u s-Sur Ishmael Dalli wasslu l-messagg li huma ma' ghandhom xejn kontra li ssir il-*Paegant* imma r-responabilta li tinghalaq it-Triq hija tal-Kunsill. |



*MAYOR – JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR – DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS – NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*DEPUTY EXECUTIVE SECRETARY – EMMA VELLA*

| | |
|---|---|
| 5.4.2 | Is-Sur Christian Pace staqsa "Nixtieq li nkun naf x'kient l-ispiza biex intrama Ħal Tarxien fi zmien il-festi tal-Milied mill-kuntrattur?". Wara diskussjoni libera gie deciz li d-Deputat Segretarju Ezekuttiv jara l-ispiza tal-gharmar tas-sena precedenti u se tigi kkunsidrata wkoll jekk l-ghaqdiet humiex interessati li jarmaw. Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv fakkar lill-Kunsilliera prezenti li qabel mal-Kunsill johrog ammont ta' flus u jqabbad xi kuntarttur dejjem iridu jingabru tlitt *quotations*, jew *Call for quotations* jew *Tender*, jiddependi xi tkun l-ispiza. |
| 5.4.3 | Is-Sur Christian Pace staqsa "Kemm ghandna haddiema jahdmu mall-Kunsill Lokali? Kemm minn dawn huma mhallsa mill-Kunsill Lokali? X'inhi s-sistema li juza l-Kunsill taghna biex jigi ngaggat haddiem gdid mall-Kunsill Lokali taghna?" Is-Sindku wiegeb li temporanjament il-Kunsill ghandu seba' haddiema assenjati tad-*District Operations* u haddiem iehor ta' l-*RSSL*. Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv informa l-Kunsill li minn din is-sena l-*Performance Bonus* se jibda' jinaghta mill-Kunsill u qabel ma' tittiehed decizzjoni li jigi ngaggat impjegat trid taghddi ghall-laqgha tal-Kunsill. |
| **5.5** | **Rapporti** |
| 5.5.1 | - Peress lid-Deputat Segretarju Ezekuttiv kien applika ghall-Vakanza ta' Segretarju Ezekuttiv mall-Kunsill Lokali ta' Ħal Tarxien huwa gie mitlub mill-Kunsilliera prezenti sabiex johrog temporanjament mill-kamra u tigi sospiza l-laqgha sabiex jigi diskuss ir-rapport tal-*interviews* ta' l-istess Vakanza.<br><br>***Il-hin huwa id-20:50p.m u l-laqgha tal-Kunsill giet temporanjament sospiza.***<br><br>***Il-hin huwa id-21:15p.m u l-laqgha tal-Kunsill tkompliet.***<br><br>- Il-Vici Sindku Sa Darlene Vella Zammit spjegat li l-ghazla tal-*Board* mahtur kien ghazel lill-applikant numru 3 bhala Segretarju Ezekuttiv. Wara votazzjoni unanima u qbil bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li l-applikant numru 3 kellu jinhatar bhala Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Tarxien.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 2 ta' Settembru 2019 mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali l-Kunsill gie nfurmat bl-ingagg obligatoru ta' *Contracts Manager*.<br><br>- Permezz ta' Cirkolari 2019/093 datata 27 ta' Awwissu 2019 minghand l-Assocjazzjoni tal-Kunsill Lokali l-Kunsill gie nfurmat b'korrispondenza li tiratta s- *Social Media* mhadma mill-Kunsill Lokali. Il- Kunsill gie nfurmat li jrid jinnomina persuna sabiex tkun responsabli minn dan u tirraprezenta l-Kunsill. Is-Sindku informa l-Kunsill li kienet intbghatet email f'dan ir-rigward u gie deciz li jigu nominati s-Sur Christian Pace u s-Sur Ishmael Dalli. |



*MAYOR – JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR – DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS – NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*DEPUTY EXECUTIVE SECRETARY – EMMA VELLA*

| | |
|---|---|
| | - Permezz ta' korrispondenza datata 25 ta' Lulju 2019 mingħand l-Assocjazzjoni tal-Kunsill Lokali l-Kunsilliera gew infurmat b' Fondi ghall-inizjattivi Kulturali / Socjali mil-Fondi tal-LESA li jammontaw ghall-3,879Eur. Wara diskussjoni libera gie deciz li l-Kunsill se juza dawn il-fondi ghall-inizjattivi varji.<br><br>- Id Depuat Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti li l-kuntratt tar-riciklacc kien ghalaq f'Mejju tat-2018 u qatt ma' gie ffirmat iehor. Sa Emma Vella infuramt lill-Kunsill Lokali li fl-1 ta' Frar 2019 kienet harget Cirkulari nnumerata 3/2019 Procedura ghall-ghazla ta' skema awtorizzata tal-gbir ta' skart riciklat, fejn qabel ma' jiskadi l-kuntratt kull Kunsill kellu jibghat ghal proposti lill-iskemi awtorizzati mill-ERA u jaghzel wahda. Id-Depuat Segretarju Ezekuttiv spjega li kien bghat l-*emails* necessarji lill-Green MT u lill-Green PAK sabiex il-Kunsill ikun jista' jaghzel proposta minnhom imma kienu biss il-Green MT li wrew interess. Wara diskussjoni libera bejn il-Kunsilliera gie deciz li l-Kuntratt mal-Green MT ghandu jigi ffirmat imma l-Kunsill ghandu xorta jibghat rikjesta ta' jekk hux possibli li l-iskart riciklat jingabar darbtejn f'gimgha minflok darba ghar-raguni li hemm domanda kbira sabiex jingabar aktar spiss.<br><br>- Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li permezz ta' korrispondenza datat 20 ta' Settembru 2019 mill-Assocjazzjoni tal-Kunsill Lokali kien applika ghall-Inizjattiva WIFI4EU.<br><br>- Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li hemm blokka *flats* fi Triq Dejma fejn qed ikun hemm skart mahrug mhux skond il-gurnata li jibgor il-kollettur ghaldaqstant talab li tintbghat ittra lir-rezidenti flimkien mal-iskeda ta' skart sabiex ikunu nfurmati ghal darb'ohra qabel ma' jittiehdu passi legali.<br><br>- Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li s-sigar ta' Kurunell Mas se jinzabru u se ttitehed azzjoni flimkien mal-ERA rigward is-sigar li jinsabu fi stat hazin.<br><br>- Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li d-DPO tal-Kunsill kien lesta l-process kollu tas-CCTV *Camera* fi Triq Joseph Burlo u Pjazza Agatha Barbara.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datat 28 ta' Awwissu 2019 il-Kunsilliera prezenti gew infurmat li l-Kunsill precedenti kien innegozja servizz mal-G4S u kien intlahaq arrangament ta' kuntratt li qatt ma' gie ffirmat. Wara diskussjoni libera gie deciz li l-Kunsill kellu jikkomunika mal-G4S sabiex jara x'gie diskuss u apparti minn hekk jara jsibx alternattivi sabiex il-Kunsill ma' jidholx fi spejjez finanzjarja zejda. |

| | |
|---|---|
| **5.6** | **Pjan ta' Hidma – Laqgha ghall-Pubbliku** |
| | Din l-*Agenda item* giet diskussa waqt l-istess laqgha fil-minuta 5.3.1. |
| **5.7** | **Tal-Linja HUB** |
| 5.6.1 | Is-Sindku talab lill-Kunsilliera sabiex din l-*Agenda item* tigi diskussa darb'ohra. Wara diskussjoni libera l-Kunsilliera qablu mal-proposta tas-Sindku. |
| **5.8** | **Mozzjonijiet** |
| 5.8.1 | <u>Mozzjoni Nru 01-2019 (VIII)</u><br><br>Is-Sa Darlene Vella Zammit resqet mozzjoni;<br><br>Sabiex Triq Xintill fil-bidu taghha gej minn-naha tal-Knisja tinbidel it-tabella u ssir li ma' jistghux jghaddu vetturi gholjijn daqs il-gallarija. Issir bollard tal-plastic biex tigi proteguta din il-gallarija. Hawn hekk hawn ittra mill-istess rezidenti.<br><br>Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera preżenti il-mozzjoni numru wiehed ghaddiet u gie deciz li li t-tabella u l-*bollard* ghandhom jigu nstallati sabiex jigu evitati incidenti.<br><br>Proponent: Darlene Vella Zammit<br>Sekondant: Christian Pace |
| 5.8.2 | <u>Mozzjoni Nru 02-2019 (VIII)</u><br><br>Is-Sa Darlene Vella Zammit resqet mozzjoni;<br><br>Qed nitlob biex titkompla s-*Sleeping Policeman* li hemm quddiem il-garaxx 109, Triq Xintill fejn ghandi anke korrispondenza u approvazzjoni mir-rezidenti stess, anke kienet giet approvata minn TM.<br><br>Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera preżenti l-mozzjoni numru tnejn ghaddiet u gie deciz li s-*Sleeping Policeman* li hemm installata ghandha tigi estiza sal-bankina.<br><br>Proponent: Darlene Vella Zammit<br>Sekondant: Neil Portelli |



*MAYOR – JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR – DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS – NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*DEPUTY EXECUTIVE SECRETARY – EMMA VELLA*

| | |
|---|---|
| 5.8.3 | Mozzjoni Nru 03-2019 (VIII)<br><br>Is-Sa Darlene Vella Zammit resqet mozzjoni;<br><br>Qed nitlob sabiex Triq San Anard int u diehla lejn Triq Zejtun tigi *No Entry* fuq iz-zewg nahat. Fuq in-naha li hemm il-*Letterbox* biex nevitaw l-ammont kbir ta' karrozzi li jaghddu minn din it-Triq sekondarja bla bzonn biex jevitaw it-traffiku u barra minn hekk jaghddu bi *speed* gholi u fil-kantuniera hemm nicca antika. Quddiem tal-pastizzi tigi *No Entry* biex nevitaw il-konfuzjoni li tinholoq fi Triq il-Knisja, f'salib it-Toroq ma' Triq San Anard. Fl-istess parti t-Triq li taghti ghal barra tigi *No Entry* ukoll. B'hekk min irid jidhol fil-lokalita' ta' Ħal Tarxien juza Triq iz-Zejtun u Triq il-Witja.<br><br>Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti l-mozzjoni numru tlieta ghaddiet u gie deciz li l-materja ghandha tigi diskussa ma' Transport Malta ghal aktar gwida u approvazzjoni minn naha taghhom.<br><br>Proponent: Darlene Vella Zammit<br>Sekondant: Anabelle Marmara' |
| **5.9** | **Sejhiet ghall-offerti** |
| 5.9.1 | Ma Kienx hemm. |
| **5.10** | **Responsabiltajiet Assenjati lill-Kunsilliera** |
| 5.10.1 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali gibed l-attenzjoni tal-Kunsill Lokali rigward ir-responsabiltajiet tal-Kunsilliera u spjega li fejn hemm ghaqdiet kulturali jrid jigi emendat ghall-Kultura u dan skond l-Artikolu 33A(1) tal-Att dwar Gvern Lokali fejn is-Sindku għandu jassenja lil kull Kunsillier xi waħda mir-responsabbiltajiet elenkati fl-erbatax il-skeda tal-Att. |
| **5.11** | **Estenzjoni tad- Deputat Segretarju Ezekuttiv** |
| 5.11.1 | - Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv inform lill-Kunsilliera li hekk kif infurmatom f'emejl precednti kienet bghatet rikjesta lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex tiggedded l-estenzjoni tal-Hatra ta' Deputat Segretarju Ezekuttiv mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Tarxien sakemm isiru l-intervisti u l-Kunsill jahtar Segretarju Ezekuttiv permanenti. |



*MAYOR – JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR – DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS – NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*DEPUTY EXECUTIVE SECRETARY – EMMA VELLA*

| | |
|---|---|
| 5.12 | Transport Malta |
| 5.12.1 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li ser isiru laqghat ma' Transport Malta sabiex jitjiebu certu diffikultajiet ta' *Traffic Management* fil-lokalita'. |
| **5.13** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti** |
| 5.13.1 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' pagamenti (Skeda nru. ~~9/19~~ 02/08 EV) għall-approvazzjoni. |
| 5.13.2 | Fuq mozzjoni tas- Sur Neil Portelli ssekondata mis- Sa Anabelle Marmara', l-Kunsill Lokali unanimament approva l-lista li hi annessa u li tifforma parti minn dawn il-minuti. |
| **5.14** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |
| 5.14.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fl-10:30p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghal nhar it-Tnejn 28 ta' Ottubru 2019 fis-7:00p.m. |

Konfermati, illum 30 ta' Settembru 2019.

**Joseh Abela Galea**
Sindku

**Emma Vella**
Dep. Segretarju Eżekuttiv



*MAYOR – JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR – DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS – NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*DEPUTY EXECUTIVE SECRETARY – EMMA VELLA*